# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1244/12/1 GM**

**Giuseppe sive Joseph Camilleri**

**v.**

**Emanuel Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2020 ġie msejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-attur kif ukoll appell inċidentali tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Lulju 2021 dwar talba għall-iżgumbrament tal-konvenut minn żewġ porzjonijiet art proprjeta` tal-Gvern li l-attur qal li jikri mingħand l-Uffiċċju Konġunt (illum Awtorita` tal-Artijiet).

2. Il-kawża nbdiet b'rikors maħluf ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2012, permezz ta' liema l-attur ippremetta u talab kif ġej:

> *"Illi l-esponenti huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt), bi qbiela fuq inter alia żewġ (2) porzjonijiet ta' art, waħda magħruf bħala 'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar bi qbiela ta' dsatax-il Ewro u tmenin ċenteżmu (€19.80) fis-sena (Ref: A 2693/1997), u l-oħra tmiss magħha magħrufa bħala 'Għalqa ta' Taxi jew ta' 'Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar, bi qbiela ta' tmintax-il Ewro u tlieta u sittin ċenteżmi (€18.63) fis-sena, (Ref: A 2128/1997). (Dok 'JC 1' u Dok 'JC 2' annessi), imberfla bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok 'JC 3'.*
>
> *Illi l-intimat Emanuel Camilleri (K.I. 454959M), qiegħed abbusivament u llegalment jokkupa porzjon mill-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar, kif ukoll żewġ porzjonijiet mill-"Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu", id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar, u dan billi dawn qed jinħadmu mill-istess Emanuel Camilleri, kif ukoll, parti mill-porzjon okkupat mill-istess intimat, fl-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar qiegħed jintuża mill-istess intimat bħala yard għat-trakkijiet tal-kostruzzjoni, u inġenji oħrajn, u sabiex fiha l-istess intimat iżomm l-annimali u jagħrbel il-ġebel, u dan minkejja l-fatt li l-istess fond huwa mqabbel lill-attur mill-Gvern ta' Malta. Illi l-imsemmija porzjonijiet hekk okkupati mill-intimat huma ndikati bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok 'JC 3'.*
>
> *Illi din l-okkażjoni ta' dawn il-porzjonijiet hekk kif indikati, qiegħda ssir kontra l-volonta, u mingħajr il-kunsens tal-attur, u li għalhekk l-intimat qed jokkupa dawn il-porzjonijiet, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*
>
> *Illi l-intimat kien ġie flimkien ma' oħrajn intrpellat permezz ta' ittra ġudizzjarja ppreżentata mill-attur, nhar it-12 ta' Ottubru 2012, iżda baqa' inadempjenti.*
>
> *Għaldaqstant in vista tal-premess, jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti jogħġobha:-*
>
> *1. Tiddikjara illi l-intimat Emanuel Camilleri (K.I. 454959M), qiegħed jokkupa l-porzjon mill-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar, kif ukoll żewġ porzjonijiet mill-"Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu", id-Dokkiena*

*ġewwa n-Naxxar, ilkoll immarkati bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok 'JC 3', mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u;*

*2. Konsegwentement l-istess intimat Emanuel Camilleri (K.I. 454959M), jiġi kkundannat jiżgombra mil-porżjonijiet mill-Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar, kif ukoll miż-żewġ prozjonijiet mill-"Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu", id-Dokkien ġewwa n-Naxxar, ilkoll immarkati fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok 'JC 3', u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Salv kull azzjoni oħra għad-danni.*

*Bl-ispejjeż, inlużi sehmu mill-ittra ġudizzjarja li ġġib id-data tat-12 ta' Ottubru 2012 (3158/2012), kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenut wieġeb illi:

*"Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari u bla preġudizzju, din il-Qorti mhux kompetenti ratione materiae tisma' odjerna vertenza stante li l-istess taqa' taħt il-ġurisdizzjoni u kompetenza esklussiva tal-Bord li Jirregola l-Kera jew tal-Bord dwar il-kontroll tal-Kiri ta' Raba', u dan peress li l-istess eċċipjent jiddetjeni l-proprjeta' indikata mill-attur b'titolu rikonoxut mill-liġi;*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem mingħajr preġudizzju għal dak sovra eċċepit, l-attur għandu jġib 'il quddiem provi rilevanti u tajbin li jixhdu dwar it-titolu minnu vantant fuq il-propjeta' de qua u juri l-interess ġuridiku tiegħu f'dawn il-proċeduri;*

*3. Illi fit-tielet lok, il-konvenut ilu jaħdem prozjonijiet tal-għelieqi ndikati mill-attur għal snin twal ( u qablu missieru) u ta' dan hu kien għadu jħallas il-qbiela u qatt qabel ma ġie disturbat f'dan il-godiment ta' tali għelieqi. Għalhekk, il-konvenut ma jafx kif u għaliex l-attur baqa' passiv u inerti għal dawn is-snin kollha;*

*4. Illi sa fejn magħruf lill-konvenut, l-attur jaħdem biss porzjon ta' għalqa fil-viċinanzi ta' ħarruba u m'għandu l-ebda jedd fuq ir-rimanenti porzjonijiet t'għelieqi magħrufa "Ta' Pannelli" jew ta' "Ta Taxi jew Wied Ħattiek" (san Pawl il-Baħar) u "Ta' Ħbula ta' Giovaddu" (Naxxar);*

*5. Illi bla ebda preġudizzju għas-sovra eċċepit, kif ser jintwera fil-kors tal-kawża, il-konvenut igawdi minn titolu validu fil-liġi fir-rigward tal-proprjeta' mertu ta' din il-kawża;*

*6. Salv id-dritt tal-odjern eċċipjent li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri."*

4. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2020, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ordnat li jissejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt.

5. Permezz ta' risposta maħlufa tal-31 ta' Lulju 2020, l-imsejjaħ fil-kawża, wieġeb:

*"1. Illi l-esponent huwa s-sid assolut tal-art in kwistjoni, u dan ma jidhirx li qed jiġi kontestat;*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, permezz ta' Dikjarazzjonijiet ta' Trasferiment datati l-4 ta' Diċembru tas-sena 2008 u t-3 ta' Diċembru 2009, (hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B), l-attur ġie rikonoxxut bi qbiela fuq l-għalqa magħrufa bħala Għalqa Ħbula ta' Ġiovadu jew bħala Id-Dikkiena, Naxxar (Nru tal-file relattiv tal-Uffiċċju Konġunt: A2693/1997);*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespsot, ma jaqbilx mal-attur in kwantu illi ma huwiex minnu illi l-attur huwa rikonoxxut mill-Uffiċċju Konġunt bħala inkwilin fl-art magħrufa bħala Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek, is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar (Nru tal-file relattiv tal-Uffiċċju Konġunt: A/2128/97);*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jaqbilx mat-talbiet attriċi safejn jirrigwardaw l-art magħrufa bħala Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek, is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar stante illi t-titolu li qed jiġi vantat minnu ma jeżistix;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jiddikjara li jaqbel mat-talbiet attriċi fir-rigward tal-art magħrufa bħala Għalqa Ħbula ta' Ġiovadu jew bħala Id-Dikkiena, Naxxar in*

*kwantu jirriżulta li l-konvenut qiegħed jokkupa l-art bla titolu u għandu jiġi żgumbrat;*

*6. Illi l-esponent bl-ebda mod ma kkontribwixxa għal din il-kwistjoni u m'għandux jiġi kkundannat ibati spejjeż għal din il-kawża, inklużi tiegħu."*

6. Illi b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi:

(i) Iaqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-attur fir-rigward l-għalqa ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek.

(ii) Iaqgħet *in parte* l-ewwel talba billi ddikjarat illi l-konvenut qiegħed jokkupa żewġ porzjonijiet mill-'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar, ilkoll immarkati bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok JC 3, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

(iii) Iaqgħet *in parte* t-tieni talba billi ordnat lill-konvenut jiżgombra miż-żewġ porzjonijiet mill-'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar, ilkoll immarkati bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok JC 3, u dan fi żmien tliet xhur mid-data ta' din is-sentenza.

7. Permezz ta' rikors tal-appell tal-4 ta' Awwissu 2021, l-attur talab lil din il-Qorti:

> *"sabiex tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tal-15 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet premessi, fis-sens illi minflok tiċħad it-talbiet ta' l-attur tilqa' wkoll it-talbiet ta' l-attur fir-rigward l-għalqa ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża, tikkonferma in kwantu laqgħet it-talbiet kollha attriċi, għar-rigward l-Għalqa Ħbula ta' Giovaddu id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat u l-kjamat fil-kawża."*

8. Permezz ta' tweġiba u appell inċidentali intavolati fit-18 ta' Awwissu 2021, il-konvenut talab lil din il-Qorti:

> *"s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tiġi varjata fid-dawl ta' dak hawn fuq espress, u cioé:*
>
> *I. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u, konsegwentement, ċaħdet it-talba attriċi dwar l-għalqa denominata 'Ta' Taxi/Ta' Wied Ħattiek' jew 'Ta' Pannelli' (ossija l-għalqa ta' forma kwadra rregolari);*
>
> *II. tħassar, tannulla u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet illi l-konvenut appellant m'għandux titolu validu fil-Liġi b' rabta maż-żewġ porzjonijiet mill-'Għalqa Ħbula Ta' Giovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar u fejn l-istess appellant ġie ordnat jiżgombra mmill-imsemmija porzjonijiet ta' din l-għalqa fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza;*
>
> *III. minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet relattivi tal-preżenti konvenut appellant ukoll b' rabta maż-ż-żewġ porzjonijiet mill-'Għalqa Ħbula Ta' Giovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar u, allura, tiċħad it-talbiet attriċi dwar l-istess għalqa.*
>
> *Bl-ispejjeż, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu ta' l-attur."*

9. L-Uffiċċju Konġunt wieġeb kemm għar-rikors tal-appell u l-appell inċidentali u argumenta li l-kwistjoni hi bejn familjari u li l-interess tiegħu

f'din il-kawża hi li l-inkwilini ma jiġux molestati fil-pussess tal-art u li jiddetermina u jissalvagwardja l-konfini tal-art ukoll sabiex eventwalment jagħti l-art bi qbiela jew titolu ieħor lil ħaddieħor.

Konsiderazzjonijiet

10. Fir-rikors maħluf l-attur sostna li hu inkwilin rikonoxxut mill-Gvern ta' żewġ porzjonijiet art biswit xulxin:

(i) Waħda li għandha forma rettangolari u bin-numru ta' referenza A/2693/1997 magħrufa bħala *'Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu'*, id-Dokkiena, fin-Naxxar, bi qbiela ta' €19.80 fis-sena;

(ii) Oħra b'forma aktar kwadra u bin-numru ta' referenza A/2128/1997 magħrufa bħala *'Għalqa ta' Taxi'* jew *'ta' Wied Ħattiek',* (magħrufa mal-Uffiċċju Konġunt ukoll bħala "Ta' Pannelli") bi qbiela ta' €18.63 fis-sena.

11. Iż-żewġ porzjonijiet art huma delinejati bl-aħmar fil-pjanta mehmuża mar-rikors maħluf (Dok JC3). Fl-istess pjanta l-attur immarka b'kulur differenti partijiet mill-istess artijiet li skontu huma llegalment okkupati minn membri differenti tal-familja tiegħu. Għalhekk, fetaħ din il-kawża u tlieta oħra fejn talab l-iżġumbrament tal-familjari tiegħu għaliex isostni li m'għandhomx titolu fuq l-art li qegħdin jokkupaw.

12. Sabiex wieħed jifhem aħjar dwar x'hiex titratta l-kwistjoni, il-parti rilevanti ta' Dok JC3 hi riprodotta:

*'Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu', id- Dokkiena (A2693/1997)* →




*'Għalqa ta' Taxi/ ta' Wied Ħattiek/ Ta' Pannelli (A2128/1997).* ←

12.1. Il-partijiet kuluriti bl-<u>aħmar</u> huma l-mertu ta' din il-kawża u li skont l-attur huma okkupati bla titolu minn ħuh, il-konvenut;

12.2. Il-parti mmarkata bl-<u>oranġjo</u> hi l-meritu tar-rikors maħluf numru 1241/2012/GM fl-ismijiet <u>Giuseppe Camilleri sive Joseph Camilleri (449453M) v. Norbert Camilleri (517983M) u Jacqueline Camilleri (635381M)</u>, li huwa n-neputi tal-appellant, ossija t-tifel ta' ħuh Emanuel Camilleri, il-konvenut appellat f'din il-kawża;

12.3. Il-partijiet kuluriti bl-<u>isfar</u> huma l-mertu tar-rikors maħluf numru 1242/2012/GM fl-ismijiet <u>Giuseppe Camilleri sive Joseph Camilleri (449453M) v. Joseph Camilleri (501259M)</u>. Dan tal-aħħar huwa l-kuġin

tal-attur, ossija t-tifel ta' Giuseppe Camilleri li jiġi ħu missier il-partijiet, Giovanni Camilleri; u

12.4. Il-parti kulurita blu hija l-mertu tar-rikors maħluf numru 1243/2012/GM fl-ismijiet Giuseppe Camilleri sive Joseph Camilleri (449453M) v. Emanuel sive Leli Camilleri (213556M). Dan tal-aħħar huwa l-kuġin tal-attur, ossija tifel ieħor ta' Giuseppe Camilleri, ħu missier il-partijiet f'din il-kawża.

13. Il-partijiet fl-imsemmija erba' kawżi huma kollha dixxendenti ta' Paolo Camilleri, il-gabillott oriġinali, bil-mod segwenti:



Il-konvenuti fl-erba' kawżi huma hawn indikati bl-istess kulur tal-pjanta JC3.

14. Fl-erba' kawżi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur fir-rigward l-għalqa '*ta' Taxi' sive ta' 'Wied Ħattiek'* peress li kkonkludiet li ma jikrix l-art. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur dwar *'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu'*, id-Dokkiena fin-Naxxar, u ordnat lill-konvenut jiżgombra miż-żewġ porzjonijiet ikkuluriti bl-aħmar f'Dok JC3 fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza.

*L-Appell tal-attur.*

15. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li huma rilevanti għall-finijiet tal-appell tal-attur, ossija għall-Għalqa *ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek sive Ta' Pannelli,* huma s-segwenti:

> *"L-attur u l-konvenut huma aħwa, ulied il-mejjet John, li kien iben il-mejjet Paolo Camilleri, li kien jippossjedi r-raba' mertu ta' din il-kawża b'titlu ta' qbiela mingħand il-Kurja. Mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi Paolo għadda jew ċeda l-qbiela favur iż-żewġ uliedu l-imsemmi John u Joseph. Id-diverbju hu dwar jekk u kif għaddiet għand l-attur u l-konvenut. Iż-żewġ partijiet isostnu li dejjem ħallsu l-qbiela in kwistjoni. Fl-ewwel lok, huwa l-attur li jrid jipprova li huwa titolari tal-qbiela, u, jekk jonqos li jġib din il-prova, il-konvenut m'hu obbligat li jipprova xejn.*
>
> *L-attur ġie rikonoxxut bi qbiela fuq l-għalqa magħrufa bħala Għalqa Ħbula ta' Ġiovadu jew bħala Id-Dikkiena; iżda mhux ukoll tal-art magħrufa bħala Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek. Dan jirriżulta mill-eċċezzjonijiet tal-Uffiċċju Konġunt, issa sid l-art, imsejjaħ fil-kawża. Illi għalhekk iż-żewġ għelieqi sejrin jiġu ttrattati separatament.*

*Għalqa ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek*

*Oriġinarjament, sid l-għalqa ta' Taxi sive ta' Wied Ħattiek kienet il-Kurja Arċiveskovili sakemm, bi ftehim tal-1991, għaddiet għand il-Gvern. Waqt dan it-trasferiment, saret property form għal kull biċċa proprjeta`, b'numru, pjanta, isem il-gabilott, u bil-valur tagħha. Fuqha, (File A2128/1997) imniżżla bħala gabillotti hemm John Camilleri ta' 3 Dun Karm Street, Naxxar u Manuel brother of John, son of Paolo. Iktar tard saret korrezzjoni mill-Kurja u baqa' indikat bħala gabillott John Camilleri biss. Fil-fatt l-għalqa għadha meqjusa mid-Dipartiment tal-Artijiet bħala "lott oriġinali" jiġifieri li ma ġiet imdawra fuq ħadd u għadha tgħajjat lill-gabillott oriġinali. Għalhekk ma jirriżultax iswed fuq l-abjad mill-files governattivi li l-attur ġie rikonoxxut bħala gabillott minflok missieru.*

*L-attur iżda jallega li missieru kien dawwar il-qbiela għal fuqu billi fis-sena 1993, marrru l-Joint Office hu u missieru, li rrinunzja l-qbiela ta' Wied Ħattiek filwaqt li l-attur aċċettaha f'ismu. Isostni li din id-dikjarazzjoni intilfet jew qiegħda f'xi file ieħor. B'danakollu skont Martin Bajada ma jirriżultax li l-file, li hu mhux biss redded skont il-prattika amministrattiva ġenerali tad-dipartimenti tal-Gvern, imma hu wkoll indiċjat, għandu xi inkartament maqbuż. L-attur ma forna l-ebda evidenza li l-iskrittura taċ-ċessjoni ntilfet għajr id-dikjarazzjoni tiegħu stess. Il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' min jallega titlu, iktar u iktar meta – bħalma ġara f'din il-kawża - ma jsibx korroborazzjoni minn provi oħra.*

*Jgħid ukoll li meta d-Dipartiment kien imwissi mill-Awtorita`` tal-Ippjanar dwar xogħlijiet illegali fl-għalqa in kwistjoni, id-Dipartiment kien jibgħat għalih u għal ħadd iktar. Din iċ-ċirkostanza iżda ma tista' qatt tirradika titlu ta' qbiela.*

*L-attur isostni wkoll li l-qbiela li kienet toħroġ fuq ismu kienet tal-A-File filwaqt li dik tal-konvenut kienet fuq is-C file u għalhekk bilfors li kienet saret iċ-ċessjoni għax kieku d-Dipartiment ma kienx jaċċetta l-kera minn fuq l-A-file. Issa riċevuta hija fl-ewwel lok xhieda li xi ħadd ikun ħallas. Hi biss prova ta' pagament u fiha nnifisha ma tikkostitwix prova definittiva u konklusiva tax-xorta tal-kirja li tkun saret. F'dan il-kuntest ir-riċevuta tista' tkun punt rilevanti iżda mhux neċessarjament determinanti. Għalhekk l-użu tal-kelma 'post' fl-irċevuti għalkemm rilevanti, mhijiex determinanti għax-xorta ta' kirja li tkun saret. Iktar minn hekk, ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) li*

*riċevuta maħruġa favur persuna partikolari għall-ħlas tal-kera tista' tkun argument ossija indizju li għandu jiġi kkunsidrat favur l-eżistenza ta' kuntratt ta' lokazzjoni favuriha, iżda l-Qorti m'għandhiex toqgħod fuq l-isem fl-irċevuta bħala prova konklussiva u bħala ħaġa li teskludi l-konsiderazzjonijiet l-oħra li għandhom isiru tant ġuridikament kemm fl-isfond u l-inkwadratura taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Hekk f'każ li fih ir-raġel li kienu jinħarġulu f'ismu bħala ħlas tal-kera ta' fond li l-inkwilinat tiegħu kien ġid parafernali ta' martu, b'daqshekk ma sarx l-inkwilin hu. Fil-każ preżenti, il-ħruġ tal-irċevuta f'isem l-attur trid tittieħed fil-kuntest tal-prattika dipartimentali, spjegata fid-depożizzjoni ta' Martin Bajada li "għalkemm ikun sar ħlas tal-qbiela minn individwi, u għalkemm l-irċevuti joħorġu fuq persuni partikolari, ma jfissirx li tali individwi se jiġu rikonoxxuti, iżda ssir bħallikieku dawn l-individwi jkunu qed iħallsu l-qbiela f'isem dik il-persuna li fil-verita` jkollha titolu rikonoxxut".*

*Għalhekk l-attur ma rnexxilux iġib dak il-livell ta' prova li jnissel il-konvinċiment morali tal-Qorti li tabilħaqq il-qbiela fuq Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek daret fuq ismu.*

*Barra mill-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tikkunsidra li l-attur ma rabatx it-talbiet tiegħu mal-premessa li għandu titlu validu fil-liġi, imma, iktar minn hekk, li hu l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern. Ħaġa li bla dubju ma tirriżultax. Kif inhu magħruf, il-Qorti trid toqgħod strettament mal-parametri mposti mill-premessi u mit-talbiet."*

16. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta illi:

16.1. l-ewwel Qorti naqset milli tagħti importanza lid-distinzjoni li teżisti bejn l-*A file* u c-*C file* tad-Dipartiment kjamat in kawża;

16.2. l-ewwel Qorti naqset milli tifhem sew il-portata ta' riċevuta maħruġa minn dipartiment tal-Gvern, u dik ta' riċevuti oħra maħruġa minn ħaddieħor;

16.3. l-fatt li l-kjamat fil-kawża kien jesiġi l-ħlas mingħandu jimmilita favurih; u

16.4. ma huwa xejn ġust illi wara tnejn u għoxrin sena '*li l-attur ilu kkonfermat u rikonoxxut bħala l-uniku inkwilin fuq il-file A/2128/97)'* l-ewwel Qorti tasal biex tiddeċiedi illi m'għandux titolu.

17. Il-Qorti tqis li l-aggravji kollha tal-attur, permezz ta' liema sostanzjalment isostni illi huwa għandu jitqies bħala inkwilin rikonoxxut mill-kjamat fil-kawża tal-għalqa *'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'*, ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi ddikjarat li hu l-inkwilin rikonoxxut tal-art in kwistjoni. L-attur ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-premessa li *"huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt)"*. Madankollu din il-premessa ġiet kontestata mill-kjamat in kawża li ddikjara li għal dak li jirrigwarda l-art magħrufa bħala '*Għalqa ta' Taxi*' jew '*ta' Wied Ħattiek*', is-Salina, San Pawl il-Baħar, it-titolu vantant mill-appellant ma jeżistix.[1]

18. F'affidavit ta' Martin Bajada (direttur tal-Inspectorate, Enforcement and Compliance Department) ġiet spjegata l-pożizzjoni tal-Uffiċċju Konġunt relattiva għall-art ta' Taxi (*Lands File No:* A2128/97):

> *"..., jidher illi fil-file relattiv ma nstabet ebda dikjarazzjoni ta' ċessjoni tal-qbiela minn individwi, u għalkemm l-irċevuti joħorġu fuq persuni partikolari, ma jfissirx illi tali individwi se jiġu rikonoxxuti, iżda ssir bħallikieku dawn l-individwi jkunu qed*

[1] Fol. 739, 740 u l-affidavit ta' Martin Bajada a fol. 766 et seq.

> *iħallsu l-qbiela f'isem dik il-persuna li fil-verita jkollha titolu rikonoxxut. Skont il-Property Form, li permezz tagħha l-art ġiet trasferita mis-Santa Sede lill-Gvern ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, l-art qegħda f' isem John (Gianni) Camilleri, wlied Paolo Camilleri. Inoltre, fuq din l-art ma saret ebda talba għal rikonoxximent, madanakollu jidher illi hemm Correction Sheet (Dok C) li turi li l-art għadha f'isem John Camilleri (K.I. 721224M). Il-missier seta' jgħaddi l-art lil uliedu x'hin irid sabiex jiġu rikonoxxuti taħt il-Kap. 199, iżda dan ma jidhirx li seħħ għax imkien ma jirriżulta li sar xi trasferiment tal-file relattiv."*[2]

19. Skont l-attur missieru ċeda favurih il-qbiela tal-għalqa *'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'* fl-1993.[3] Spjega li kien mar flimkien ma' missieru fl-uffiċċju tal-Uffiċċju Konġunt, *".... fejn iffirmajna id-dokumenti meħtieġa minna, fejn missieri rrinunzja l-qbiela ta' Wied Ħattiek filwaqt li jiena aċċettajtha f'ismi. B'hekk minn 1993 'l hawn, il-Joint Office qatt aktar ma bagħtu iktar għal missieri, la għal qbiela u għal ebda ħaġa oħra"*.

20. Madanakollu, l-ebda dikjarazzjoni f'dak is-sens ma nstabet fil-*files* tal-kjamat in kawża u dan tal-aħħar għadu jistrieħ fuq l-informazzjoni mniżżla fil-*property form* li saret meta l-Knisja bagħtet lill-Uffiċċju Konġunt l-informazzjoni dwar l-art in kwistjoni. *Property form*[4] li fiha d-data ta' Ġunju 1997. In-numru tal-file tal-Uffiċċju Konġunt (A2128/97) fih innifsu hu prova li kien fl-1997 li l-Knisja tat it-tagħrif dwar l-art lill-Uffiċċju Konġunt. Għalhekk mhuwiex verosimili li fl-1993 l-attur mar l-Uffiċċju Konġunt flimkien ma' missieru u ċedielu l-kirja. Il-provi juru li sa dakinhar

---

[2] Fol. 766 – 7.
[3] Fol. 66.
[4] Fol. 769.

il-Knisja kienet għadha ma bagħtitx lill-Uffiċċju Konġunt il-*property form* dwar l-art in kwistjoni. Dan apparti li m'hemmx prova li fl-1993 fl-Uffiċċju Konġunt kien hemm file miftuħ li kien jirreferi għall-art ta' Taxi, magħrufa wkoll bl-ismijiet ta' Wied Ħattiek jew ta' Pannelli.

21. L-istess dokument isemmi lil John Camilleri[5] u ċertu Manuel, *brother of John, son of Paolo*[6] għalkemm Osterios Aquilina xehed illi l-Kurja kienet għamlet korrezzjoni fis-sens illi l-gabillott rikonoxxut huwa John Camilleri waħdu.[7]

22. L-attur f'affidavit xehed li Martin Bajada kkonfermalu li hu l-inkwilin rikonoxxut. Fatt li ma ġiex konfermat minn Martin Bajada meta xehed. L-attur żied li kien tkellem ukoll ma' Kevin Camilleri, l-uffiċjal li ffirma l-ittra li biha l-attur ġie msejjaħ biex iħallas il-qbiela, u dan qallu li l-konvenut kien mar l-uffiċċju biex iħallas il-qbiela fuq l-art in kwistjoni u li ndunaw bil-qerq u *".... b'hekk ma tħalliex iħallas dawn il-qbiela. Dan irriżulta li l-ID card ta' missieri ma ġietx aċċettata għax missieri ma kienx aktar rikonoxxut mill-Joint Office"*.[8] Pero` l-attur ma ressaqx lil Kevin Camilleri bħala xhud u għalhekk m'hemmx l-aħjar prova.

---

[5] Missier il-partijiet li miet fis-16 ta' Jannar 2011.
[6] Fol. 51 tal-proċess 1242/12 GM.
[7] Fol. 157. Ara wkoll 'Correction Sheet to Annex 8' a fol. 770.
[8] Fol. 68.

23. Hu minnu li mill-atti jirriżulta li l-attur ħallas il-qbiela għall-istess art, identifikata fl-irċevuti maħruġa mid-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern bħala proprjeta` numru J57326, f'ħames okkażjonijiet:[9]

23.1. pagament tat-12 ta' Lulju 2012 ta' €353.97 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1993 sal-31 ta' Diċembru 2011;

23.2. pagament ieħor datat 29 ta' Jannar 2013 ta' €18.64 għall-perjodu bejn bejn l-ewwel ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012;

23.3. pagament fit-2 ta' Ottubru 2013 ta' €18.64 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013;[10]

23.4. pagament ta' €18.64 fit-12 ta' Jannar 2015 għas-sena 2014;[11] u

23.5. pagament ieħor ta' €18.64 fil-5 ta' Jannar 2016 għas-sena 2015.[12]

24. Għalhekk l-ewwel pagament sar biss ftit xhur qabel l-attur fetaħ il-kawża. Dan wara li fis-27 ta' Jannar 2012 il-kjamat in kawża bagħat ittra

[9] Ara wkoll it-tabella ppreżentata minn Martin Bajada a fol. 436 immarkata 'Dok AX1'
[10] Ara fol. 37 *et seq*.
[11] Fol. 129 – 130.
[12] Fol. 438.

lill-appellant permezz ta' liema għall-ewwel darba talbu jħallas l-arretrati kollha dovuti.[13] Mistoqsi għalfejn huwa qatt ma ħallas il-qbiela qabel l-2012 l-attur wieġeb li pprova iżda ma setax għaliex mid-Dipartiment konċernat infurmawh li l-ewwel riedu jagħmlu r-riċerka tagħhom[14] u dak iż-żmien is-*C file* ma kienx għadu jeżisti.[15]

25. Min-naħa l-oħra l-konvenut qal li l-istess porzjon art tissejjaħ '*ta' Pannelli'*[16] u dwarha ppreżenta sensiela ta' rċevuti ta' qbiela li saru minnu u minn missieru lill-imsejjaħ fil-kawża (fl-irċevuti l-art identifikata bħala proprjeta` numru J66260 u numru tal-file C/1082/2001) u lill-knisja qablu.[17] L-ewwel riċevuta fejn jidher ukoll isem il-konvenut tmur lura għas-sena 1984 u baqgħu jinħarġu riċevuti mill-Uffiċċju Konġunt. L-ewwel waħda tkun dik datata 9 ta' Ottubru 2001 u l-aħħar waħda preżentata ġġib id-data tat-2 ta' Settembru 2014 u tkopri l-qbiela għas-sena 2014.[18]

26. Skont Martin Bajada ma tagħmilx differenza kif tissejjaħ l-art. Dak li jorbot huwa l-property number fuq il-*property form* meta l-istess għaddiet lill-Gvern mingħand il-Knisja, li f'dan il-każ huwa

[13] Fol. 8
[14] Fol. 367.
[15] Fol. 368.
[16] L-istess xehdet Mary Camilleri, oħt il-partijiet, a fol. 391 u oħthom l-oħra Josephine Camilleri a fol. 402.
[17] Fol. 214. Ara wkoll il-kontro-eżami tal-konvenut a fol. 543 et seq.
[18] Fol. 214.

272300100018,[19] u l-pjanta annessa mal-istess formola.[20] F'dan il-każ, wara riċerki li saru mill-kjamat in kawża, irriżulta li l-għalqa *'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'* u '*ta' Pannelli*' huma effettivament l-istess tant illi fil-mori ta' din il-kawża sar notament fil-*file* relattiv sabiex jinkludu l-isem '*ta' Pannelli'* fid-deskrizzjoni tal-art.[21] Mistoqsi allura kif kull wieħed miż-żewġ partijiet ħallas il-qbiela rigwardanti l-istess porzjon art, Martin Bajada wieġeb:[22]

> *"Imħallef: Saru aktar minn ħlas wieħed fuq l-istess proprejtà?*
>
> *Xhud: Għax waħda kienet iddiskrevitha C, u l-oħra ddeskrivitha A, u ma kiex hemm dik l-informazzjoni min suppost. Dik hi. As simple as that. Sar il-ħlas doppju fuqha ...*
>
> *Pero nerġa ngħid, ħa nerġa nfakkar x'għidt fix-xhieda tiegħi qabel u kif hawnhekk ħarġet issa ftit ilu waqt li qed niddiskutu. Ma jfissirx li għax ħallas dak rikonoxxut.*
>
> *...*
>
> *Dr. Kevin Camilleri Xuereb: Tajjeb. Mela jekk qed nifmek sew, allura jien qed nagħmel qisu sommarju tax-xhieda tiegħek. Minn dawn it-tliet dokumenti li inti esebejt, mela wieħed jitkellem fuq File C, u l-ieħor jitkellem fuq file A. File C u File A qegħdin, huma żewġ pagamenti simili fuq l-istess għalqa li għandha forma kwadra.*
>
> *Xhud: Iva.*
>
> *...*
>
> *Dr. Kevin Camilleri Xuereb: Irrilevanti mill-isem tal-għalqa.*
>
> *Xhud: Irrilevanti.*

[19] Fol. 420.
[20] Fol. 425.
[21] Fol. 527 *et seq*.
[22] Fol. 460 *et seq*.

*Dr. Kevin Camilleri Xuereb:* *Jiġifieri ta' Pannelli u l-Għalqa ta' Taxi jew Wied Ħattiek is-Salini, qegħdin jirreferu għall-istess oġġett, l-għalqa kwadra.*

...

*Xhud:* *Illi għalkemm hemm il-prezz ta' €18.64 u l-għalqa hija l-isem ma jaqbilx ma' tas-C, li qiegħed l-isfel imma l-prezz jaqbel, hu 18.65, dawk l-għelieqi huma l-istess.*

...

*Dr. Errol Cutajar: ... għaliex l-irċevuti fuq l-A File u fuq ic-C File, l-ewwel ħaġa waħda hija A File u l-oħra hija C File, li mhumiex l-istess ħaġa,*

*Xhud:* *Prosit.*

*Dr. Errol Cutajar: U waħda hija, d-deskrizzjoni tal-proprjeta` hija Taxi ta' Wied Ħattiek, u l-oħra Ta' Pannelli. Jiġifieri d-deskrizzjoni hija differenti.*

*Xhud:* *Tajjeb. Ħa nirrispondik eżattament għaliex. Għaliex, jien x'għedt, x'għadni kif għedt? Is-C file huwa l-file tal-ħlas biss. Mela min ġie u ddikjara s-C File, ħallas fuqu. Imma min ġie ħaddieħor ħallas fuq l-A File.*

*...*

*Għax hawnhekk qiegħed l-iżball. Hawn l-iżball illi oriġinarjament, sakemm indunajna b'din il-biċċa xogħol minħabba permezz ta' din il-kawża, l-iżball qiegħed hawn. L-ewwel nies dawn huma skrivani, mhumiex tekniċi u inti biex tekniku, biex tinduna l-art liema hija, hemm grafikament tidħol fuq il-GIS, itellahilek. Issa x'ġara? L-iżball li sar illi meta nfetaħ l-A File, li kienu qed jirreferu għall-istess art, ma qerdux is-C File, għax ħafna każijiet hekk jiġri. Meta inti tiftah u d-dokumenti kollha ħarġu fl-A File u kienu ċerti li s-C File, imma dawn ma kie=nux ċerti fuq is-C File. Qas kienu jafu fejn."*

27. Għalhekk, għal din l-istess porzjon art, il-konvenut u missieru kienu qed iħallsu l-qbiela minn sena għall-oħra fuq is-'*C file'* (file tal-ħlas), filwaqt li l-konvenut ħallas għas-snin 1993 sal-2011 (wara sejħa li saret fis-sena 2012) u l-qbiela tas-snin ta' wara fuq l-*'A file'* (file prinċipali).

Żball li jista' jkun li sar minħabba l-fatt li s-*C file* jirreferi għall-art in kwistjoni bħala *'Ta Pannelli',* mentri fl-*A file* l-art deskritta bħala '*Ta Taxi jew Ta' Wied Ħattiek'.* Madankollu, jibqa' l-fatt li minkejja li l-attur jinsisti li missieru ċedielu l-qbiela, il-provi juru li missieru kien baqa' jħallas kull sena l-qbiela fuq dik l-art.

28. Hu veru li mill-provi ma jirriżultax x'wassal sabiex l-Uffiċċju Konġunt isejjaħ lill-attur għall-ħlas tal-allegati arretrati fuq l-għalqa kif identifikata fl-*A file*[23] u lanqas ma jirriżulta għalfejn fl-2007 l-Uffiċċju Konġunt bagħat jinforma lill-attur <u>waħdu</u>, u mhux ukoll lill-ħutu/l-kuġini l-oħra, li kien hemm *enforcement* mill-MEPA.[24] Madankollu dawn il-fatti ma jwasslux lill-Qorti sabiex tikkonkludi li hemm prova ċara li l-attur hu l-inkwilin tal-art in kwistjoni. Dan meta tqis il-provi l-oħra.

29. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

30. Permezz tat-tieni aggravju l-attur jipprova jargumenta li hemm distinzjoni netta bejn irċevuta ta' kirja privata u waħda maħruġa mill-Gvern ta' Malta. Itenni li dan tal-aħħar mhux biss talab il-ħlas tal-qbiela mingħandu sa mill-1993, talli ħareġ ukoll l-irċevuti relattivi f'ismu. Jisħaq li kieku l-kjamat fil-kawża kien għadu qed jirrikonoxxi lil missieru, l-

[23] Fol. 8
[24] Fol. 47 tal-proċess 1242/12GM u x-xhieda tal-attur appellant a fol. 776 et seq.

irċevuta <u>jew</u> kienet tinħareġ fuq John Camilleri <u>jew</u> inkella kienet tinħariġlu fuq il-*file temporanju* ossija s-*C file.*

31. Il-Qorti terġa' ttenni li l-bażi tal-azzjoni tal-attur hi li hu l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern. Fatt li ġie kontestat mill-kjamat fil-kawża. Il-Qorti diġa spjegat x'iwassalha biex tikkonkludi li l-attur m'huwiex l-inkwilin rikonoxxut. Il-fatt waħdu li fl-2012 skrivan fl-Uffiċċju Konġunt irċieva mingħand l-attur ħlas ta' arretrati ta' qbiela, mhuwiex biżżejjed. Dan iktar u iktar meta kif rajna l-qbiela kienet ilha s-snin titħallas minn missier il-partijiet u l-konvenut.

32. Dan l-aggravju jirriżulta għalhekk ukoll infondat.

33. It-tielet aggravju huwa relatat mal-aggravji preċedenti fejn l-attur għamel sensiela ta' domandi retoriċi li bihom jerġa' jsostni li l-fatt li ntalab il-ħlas mingħandu biss, u mhux mill-konvenut jew parenti oħra, '*juri biċ-ċar*' illi snin qabel kien mar missieru l-Uffiċċju Konġunt sabiex idawwar il-qbiela tal-għalqa in kwistjoni fuqu.

34. Diġa` ssemma li fil-*file* relattiv tal-Uffiċċju Konġunt ma jirriżulta l-ebda dokument jew minuta li tikkonferma li fl-1993 missier l-attur dawwar il-qbiela fuqu u wisq inqas illi l-Uffiċċju Konġunt kien irrikonoxxa l-allegat trasferiment. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jippretendi l-attur, il-

Qorti ma tistax toqgħod tispekula ta' x'wassal biex intalab ħlas mingħand l-attur. Il-provi l-oħra li hemm u li ssemmew b'referenza għall-ewwel aggravju apparti li m'hemmx prova bil-miktub ta' ċessjoni ta' qbiela, ixejnu l-verżjoni tal-attur li kien akkwista l-kirja mingħand missieru u li kien ġie rikonoxxut mill-Uffiċċju Konġunt bħala l-inkwilin tal-art. Dan apparti li jekk verament fl-1993 l-attur kien akkwista mingħand missieru l-qbiela tal-għalqa in kwistjoni, wieħed kien jistenna li kull sena jħallas il-qbiela. Il-provi juru li kien biss fis-sena 2012 li l-attur għamel l-ewwel ħlas, filwaqt li missier l-attur baqa' jħallas il-qbiela għal kull sena. Jekk l-attur mar joffri l-ħlas u m'aċċettawhx, wieħed kien jistenna wkoll li wara xi żmien jiddepożita l-qbiela fil-qorti. Minn dan kollu ma jirriżulta xejn.

35. Il-Qorti ma tifhimx kif l-attur baqa' passiv għal dawk is-snin kollha, jekk kif qal hu missieru ċedielu l-qbiela fis-sena 1993 u dan kien sar għand l-Uffiċċju Konġunt. L-attur ma ta l-ebda raġuni li tikkonvinċi lill-Qorti għal dawn in-nuqqasijiet min-naħa tiegħu. Dan apparti li lanqas m'hemm prova li l-Uffiċċju Konġunt kien qiegħed jibgħat avviżi lill-attur sabiex iħallas il-qbiela. Kien biss fis-sena 2012, ċioe` kważi għoxrin sena wara li saret l-allegata ċessjoni ta' qbiela, li l-Uffiċċju Konġunt bagħat ittra lill-attur fejn talbu l-ħlas. X'wassal għal dan wara dawk is-snin kollha, ma rriżultax mill-provi.

36. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

37. Finalment, permezz tar-raba' aggravju l-attur jinsisti li *'ma huwa xejn ġust illi issa, wara tnejn u għoxrin sena (22) li l-attur ilu kkonfermat u rikonoxxut bħala l-uniku inkwilin fil-file A/2128/97, ... l-Ewwel Qorti tasal biex taqta' u tiddeċiedi illi l-esponenti issa, ma għandux titolu fuq dan l-istess file.'* Jerġa' mbagħad isemmi l-korrispondenza dwar l-*enforcement* mill-MEPA, il-fatt li 2001 il-konvenuti fl-erba' kawżi ġew skwalifikati milli jirreġistraw partijiet mill-art f'isimhom għaliex ma kellhomx approvazzjoni tal-gabillott reġistrat, it-talba għall-ħlas li saritlu fl-2012, l-irċevuti li nħarġu f'ismu meta ħallas il-qbiela, u l-fatt li l-*A file* allegatament jirrikonoxxi lilu.

38. Il-Qorti mhix se tirrepeti dak kollu li diġa` ngħad fl-aggravji l-oħra. Martin Bajada xehed li l-file in kwistjoni huwa *redded.* Dan ifisser li kull dokument jingħata numru u jsir notament relattiv fuq quddiem tal-file. Għalhekk, kieku ntilef xi dokument kif isostni l-attur, kien jirriżulta mill-minuti li hemm fil-parti ta' quddiem tal-file. L-istess kellu jirriżulta mill-file tal-Uffiċċju Konġunt li kieku l-attur ġie rikonoxxut bħala inkwilin.

39. Huwa minnu li fl-2007 il-kjamat fil-kawża bagħat jinforma lill-attur li kien hemm *enforcement* mill-MEPA.[25] Iżda kif diġa` intqal, dik il-prova mhijiex biżżejjed meta tqis il-provi l-oħra.

---

[25] Fol. 47 tal-proċess 1242/12GM u x-xhieda tal-attur appellant a fol. 776 et seq.

40. Dwar l-applikazzjonijiet li għamlu l-konvenut u l-konvenuti fil-kawżi relatati sabiex jirreġistraw partijiet mill-art in kwistjoni f'isimhom,[26] jirriżulta li dawn għadhom pendenti u qed jistennew l-eżitu tal-kawża odjerna.[27]

*L-Appell Inċidentali.*

41. Dwar il-porzjon art magħrufa bħala '*Għalqa Ħbula ta' Ġiovadu' sive 'Id-Dokkiena'*, il-Qorti tal-ewwel grad għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Għalqa Ħbula ta' Ġiovadu sive Id-Dokkiena*
>
> *Permezz ta' notament datat 03.10.1973 fuq il-librett tal-għalqa Tad-Dokkiena Joseph Camilleri (ziju tal-partijiet) ċeda sehemu mill-qbiela. Ma jgħidx favur min. Minn dakinhar il-qbiela bdiet titħallas minn John Camilleri waħdu. Imbagħad permezz ta' żewġ dikjarazzjonijiet datati 04.12.2008 u 03.12.2009 Giovanni ċeda r-raba' lil ibnu Joseph (l-attur).*
>
> *Il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tal-10 t'Ottubru 2019 jattakka kemm iċ-ċessjoni ta' Joseph (iz-ziju tal-kontendenti) kif ukoll iċ-ċessjoni ta' John favur ibnu (l-attur).*
>
> *Dwar iċ-ċessjoni ta' Joseph (iz-ziju) jgħid li hija nulla għaliex (i) m'hemmx indikat li qiegħda ssir favur ħuħ John, u li xejn ma jiswa li John beda jħallas il-kera waħdu minnufih wara din iċ-ċessjoni u (ii) ma tistax issir ċessjoni ta' raba' bejn qraba f'linji kollaterali. Dawn iċ-ċirkostanzi, iżda, kemm jekk huma legalment validi kemm jekk mhumiex, setgħu jitqanqlu minn ulied Joseph, iżda mhux mill-konvenut li kull titlu li jista' jkollu fuq l-għalqa huwa derivat biss minn missieru John. Dan apparti li jidher li ċ-ċessjoni tabilħaqq saret favur John kif anke rikonoxxut minn sid l-għalqa. Dwar id-divjet ta' ċessjoni bejn l-aħwa, kif volut minn Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, dan japplika biss għal ċessjoni magħmula*

[26] Fol. 53 et seq. tal-proċess 1242/2012 GM.
[27] Fol. 767.

*mingħajr il-kunsens tas-sid. Fil-każ preżenti s-sid ta l-kunsens tiegħu.*

*Dwar iċ-ċessjoni minn John favur ibnu Joseph (l-attur) il-konvenut isostni li din ukoll hi nulla għaliex m'hemmx indikat l-estenzjoni tal-art trasferita u għalhekk mhux ċar jekk l-għalqa ġietx itrasferita l-art kollha inkella parti minnha biss. Il-Qorti tinnota illi r-raba' hu indikat bin-tenement number biss (jidher li n-numru nbidel bejn l-ewwel u t-tieni dikjarazzjoni). Jidher għalhekk li dak li kien qiegħed jiġi ċedut kienet l-għalqa kollha, u mhux parti minnha. Huwa minn lewn id-dinja li jekk wieħed irid jassenja parti minn ħaġa, jgħid hekk ċar u tond fuq l-iskrittura taċ-ċessjoni. Ġaladarba f'dan il-każ ma ssemmiet l-ebda restrizzjoni, m'hemm lok għal ebda ekwivoku. Il-konvenut jiċċita mix-xhieda ta' Martin Bajada, uffiċjal tad-Dipartiment tal-Artijiet, li jsostni li meta ssir ċessjoni, skont il-policy tad-Dipartiment, din għandha tindika b'mod ċar l-estenzjoni tal-art trasferita. Filwaqt li din il-policy hija waħda tajba u kommendabbli, ma jfissirx li għax ma tiġix segwita, ikun hemm xi nullita`. Il-policy hija materja ta' natura purament amministrattiva. Barra minn hekk, is-sid irrikonoxxa lill-attur fuq l-art kollha, u mhux fuq parti minnha biss . Min-naħa l-oħra, il-konvenut ma pprova l-ebda titlu fuq din l-għalqa; il-qbiela li ħallas kienet f'isem missieru u mhux f'ismu."*

42. Fl-appell il-konvenut ilmenta illi l-ewwel Qorti m'apprezzatx kif jixraq il-provi u sottomissjonijiet li tressqu b'dan illi għamlet valutazzjoni fattwali u legali żbaljati. Dan sostanzjalment għaliex skontu, iċ-ċessjoni tal-qbiela minn John *sive* Giovanni Camilleri (KI nru. 721224M) versu ibnu l-attur m'għandha l-ebda valur legali. *Inter alia* jirreferi wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 2019 fil-proċeduri 658/2014 fl-ismijiet *Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri* li biha ġie deċiż li l-attur (f'dawk il-proċeduri l-parti mħarrka) ġiegħel lill-omm il-partijiet tagħmel testment favurih bl-esklużjoni ta' ħutu l-oħra u jargumenta li '*wieħed jista' jimmaġina li l-istess manipulazzjoni twettqet mill-istess attur*

*ma' missier il-kontendenti odjerni fil-konfront tal-Għalqa "tad-Dokkiena" sabiex jakkwista oġġett illi, fil-verita`, mhux tiegħu u sabiex jisfratta lill-konvenut mill-għalqa meta, fir-realta`, dan m'għandux ikun'*.

43. L-attur da parti tiegħu wieġeb illi l-appell huwa monk għaliex il-parti tas-sentenza tal-ewwel istanza li dwarha sar l-appell inċidentali mhix il-mertu tal-appell prinċipali. Isostni mbgħad illi l-appell inċidentali għandu f'kull każ jiġi miċħud.

44. L-ewwel argument tal-attur hu fieragħ. L-Artikolu 240 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza,magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wieħed jew iżjed ta' sentenza, jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, <u>iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella</u>. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li matkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-artikolu 144(1):"* (enfasi tal-Qorti)

45. L-attur isostni li huwa l-uniku gabillott rikonoxxut mis-sid *inter alia* għal dak li jirrigwarda l-*'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu'* sive d-Dokkiena. L-imsejjaħ fil-kawża kkonferma dak il-fatt. Ma jirriżultax li l-konvenut ippreżenta xi kawża biex jattakka dan l-istat ta' fatt. Lanqas ma ta xi eċċezzjoni li biha kkontesta dak li għamel missier il-partijiet (Giovanni Camilleri) meta ċeda l-qbiela lill-attur.

46. Irrispettivament minn dak li qal l-imsejjaħ fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet, fl-eċċezzjonijiet iddikjara bla riżerva li, '*l-attur ġie rikonoxxut bi qbiela fuq l-għalqa magħruga bħala Għalqa Ħbula ta' Giovadu jew bħala id-Dikkiena, Naxxar'* (tieni eċċezzjoni). Dan kif wara kollox jirriżulta mill-ittra a fol. 40 tal-proċess numru 1242/2012, datata 8 ta' Novembru 2011 u li biha l-Uffiċċju Konġunt għarraf lill-attur li:

> *"B'riferenza għad-dikjarazzjoni ta' missierek Giovanni Camilleri, datata 3 ta' Diċembru 2009 u redatta minn Fr. Matthew Magri, nixtieq ngħarrfek illli inti Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 449453(M), qed tiġi rikonoxxut fuq ir-raba' magħruf bħala Għalqa ta' Dukkiena, is-Salina, fil-limiti tan-Naxxar, Malta, liema raba' huwa soġġett għall-ħlas tal-qbiela li jammonta għal EUR 19.80c fis-sena, minflok l-imsemmi missierek Giovanni Camilleri, bl-istess kundizzjonijiet u pattijiet illi huwa kien igawdi s'issa, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe dritt skont il-liġi li jista' jkollhom terzi."*

47. Ma tirriżulta l-ebda eċċezzjoni/kontro talba/kawża li tattakka dikjarazzjoni li ffirma missier il-partijiet fit-3 ta' Diċembru 2009 u li biha ddikjara li qiegħed iċedi l-qbiela favur l-attur. Li d-dikjarazzjoni datata 3 ta' Diċembru 2009 tirreferi għar-raba' in kwistjoni, jirriżulta mill-fatt li fid-dikjarazzjoni hemm ir-referenza ta' file numru tal-Uffiċċju Konġunt (C/0937/2001). L-istess numru li hemm fuq ir-riċevuti ta' ħlas tal-qbiela li kien isir lill-Uffiċċju Konġunt f'isem Giovanni Camilleri, missier il-partijiet f'din il-kawża.

48. Kullma wieġeb il-konvenut huwa sostanzjalment illi:

(i) l-attur għandu jressaq prova tat-titolu. Prova li kif rajna saret tant li l-attur ġie rikonoxxut bħala l-inkwilin mill-Uffiċċju Konġunt; u

(ii) li huwa jgawdi minn titolu validu fil-liġi, liema prova ma tirriżultax peress li kif qalet l-ewwel Qorti l-ħlas tal-qbiela saret f'isem missier il-partijiet u mhux f'ismu.

(iii) il-qbiela li ħallas kienet f'isem missieru u mhux f'ismu proprju.[28] Inutli għalhekk li l-konvenut jinsisti li d-dikjarazzjoni li missier il-partijiet għamel fit-3 ta' Diċembru 2009,[29] hi nulla.[30]

49. Il-provi juru li fl-2009 il-missier ċeda l-qbiela tal-għalqa Ta' Ħbula ta' Giovaddu, id-Dokkiena favur l-attur. Għalhekk ma jistax ikun li l-konvenut għandu l-qbiela ta' dik l-għalqa.

50. *Multo magis,* kull referenza għall-kawża numru 658/2014 fl-ismijiet <u>*Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*</u> hi rrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża. Kawża li ma kellhiex x'taqsam mal-artijiet meritu ta' din il-kawża u tal-kawżi l-oħra konnessi. Is-sentenza li ngħatat f'dik il-kawża mhijiex

[28] Fol. 317 *et seq*.
[29] Fol. 768.
[30] Għal kull buon fini jiġi enfasizzat li d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Diċembru 2008 li ġiet bi żvista eżebita in attti mat-tweġiba tal-kjamat fil-kawża (fol. 743) tirreferi għal art oħra kif spjegat minn Martin Bajada sussegwentement (ara fol. 766). Dan ikkonfermah ukoll l-attur a fol. 754.

prova ċara u inekwivoka li missier il-partijiet kien ġie manipulat mill-attur sabiex iċedi l-kirja fuq l-imsemmija art. Id-dikjarazzjonijiet l-oħra in atti huma wkoll irrilevanti billi ma jgħidu xejn fuq l-art partikolari hawn in kwistjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur u l-appell inċidentali tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. L-attur għandu jħallas l-ispejjeż tal-appell filwaqt li l-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

It-terminu għall-iżgumbrament b'referenza għall-għalqa 'Ħbula ta' Giovaddu', id-Dokkiena jibda jgħaddi millum.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr